# Il-Pittur ta' Seba' Kwadri fis-Santwarju Marjan taż-Żebbuġ Għawdex

Dun Ġorġ Vella

Il-pittur ta' seba' kwadri f'dan is-santwarju ta' Santa Marija fiż-Żebbuġ Għawdex, kien il-Kavallier Emvin Cremona, Malti li tant ħadem matul ħajtu u wera l-kapaċita` tiegħu fl-arti sagra f'ħafna knejjes f'pajjiżna. Dan l-artist Malti ħallielna verament wirt kbir kulturali, l-aktar fl-arti li tant kien iħobb, l-arti sagra li turi fejn kienet tħabbat tassew il-qalb nobbli tiegħu, wirt li naraw aħna u li jistgħu jibqgħu jaraw dawk kollha li jiġu warajna. Dan il-wirt huwa xhieda tal-imħabba tiegħu lejn Alla, lejn il-Madonna, l-Anġli u l-Qaddisin.

Emvin Cremona twieled fil-Belt Valletta, fis-27 ta' Mejju 1919, ix-xahar iddedikat lill-Madonna li hu tant kien iħobb, li nerġgħu naraw din l-imħabba fix-xogħol tiegħu f'tant kwadri li hu ħallielna. Sa minn ċkunitu Emvin wera inklinazzjoni kbira lejn l-Arti li hu studja f'Malta u mbagħad kompla l-istudju tiegħu f'Ruma, f'Londra u f'Pariġi.



**Il-Professur Emvin Cremona u ż-Żebbuġ Għawdex**

Ir-relazzjoni ta' dan l-artist Malti mal-Knisja taż-Żebbuġ kienet qabel is-sena 1945. Din il-Knisja billi kienet tkabbret, issa kien jeħtieġ li jsiru l-kwadri ġodda. Żewġ kwadri fil-kor madwar l-inkwatru titulari ta' Santa Marija, tnejn oħra madwar il-Kwadru ta' Ġesu' Kurċifiss u tlieta oħra fil-faċċata tiegħu jiġifieri fiż-żewġ kappelluni. Il-Kappillan Dun Franġisk Mercieca li kien imexxi l-parroċċa wara li tlesta għal kollox il-bini tat-tkabbir tal-Knisja, beda jaħseb biex jagħmel dak kollu li kien jeħtieġ f'din il-Knisja. L-ewwel li beda biex jagħmel kien li jsiru s-seba' kwadri ġodda fil-post li diġà semmejt. Hu rnexxielu jikkuntattja lill-Professur Emvin Cremona u ordnalu żewġ kwadri fil-Kor li jirrappreżentaw wieħed lill-Anġlu Gabrijel iħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla u l-ieħor lill-Verġni Marija żżur il-qariba tagħha Santa Eliżabetta. Dawn iż-żewġ kwadri tlestew fis-sena 1945. Il-benefattur li ħallas għal dawn il-kwadri kien Toni Cini u l-familja li kien joqgħod wara l-Knisja. Il-Kappillan Mercieca mbagħad ordnalu tliet kwadri oħra, dawk tal-appostlu Missierna San Pawl, u tnejn oħra madwar il-kwadru, San Ġorġ Martri u Sant'Ursola Verġni u Martri. Dawn huma tliet patruni ta' pajjiżna u l-Professur Emvin Cremona ma damx ma lestihom. Madwar sentejn wara li rajna ż-żewġ kwadri tal-Kor, issa fis-sena 1947 rajna wkoll lesti dawn it-tliet kwadri. Il-kwadru ta' San Pawl tħallas minn Franġisku, Randu u Ġorġa aħwa Dimech. Dak ta' San Ġorġ Martri minn Salvu u Grezzja u Salvina Saliba u ta' Sant'Ursola Martri minn Ursola Dimech – in-nanna ta' Dun Anton Dimech. Ġara iżda li l-kwadru ta' San Pawl ma kienx intogħġob minn xi wħud u l-Kappillan qallu lill-Professur Cremona u dan qallu li ma kellux għalfejn jikkonfondi għaliex hu kien lest li jpitter ieħor. Dan għamlu bla ebda diffikultà u ftit żmien wara lesta dak il-kwadru li għandna u kulħadd kien sodisfatt bil-ħidma tiegħu. L-ewwel kwadru li kien impitter li kien jirrappreżenta lil San Pawl fin-Nawfraġju tiegħu jingħad li nbiegħ mill-pittur Cremona lil xi ħadd li joqgħod l-Ingilterra. Intant kien jonqos li jsiru żewġ kwadri oħra – dawk ta' San Pietru Appostli u l-Ewwel Vigarju ta' Kristu u dak ta' Sant'Andrija ħuh. It-tnejn xerrdu demmhom għal Kristu msallbin mas-Salib. Il-Kappillan Dun Franġisk Mercieca ordna wkoll lill-Professur Cremona sabiex ipitter dawn iż-żewġ kwadri li kellhom jitpoġġew madwar il-kwadru ta' Ġesu` Kurċifiss. Il-Professur Cremona ndaħal ukoll għal dawn il-kwadri u ma damx ħafna ma lestihom u jġibhom f'posthom.



Kienet is-sena 1949 meta rajna dawn iż-żewġ kwadri u hekk din l-opra ġdida ta' seba' kwadri ta' Emvin Cremona kienet tlestiet. Dawn il-kwadri wkoll tħallsu minn żewġ benefatturi Ġużeppa Saliba u Loreta Saliba. Isem dan l-artist tant magħruf Emvin Cremona jibqa' marbut mal-Knisja tagħna kif huwa marbut ma' diversi knejjes oħra permezz ta' tant ħidma sabiħa li hu wettaq matul ħajtu.

Il-Professur Emvin Cremona ma kienx biss magħruf f'pajjiżna, hu li tant ħadem biex isebbaħ il-knejjes tagħna, iżda wkoll kien magħruf f'diversi pajjiżi 'l bogħod minn xtutna. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu kwadri fil-Kwartieri Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda fi New York u fis-sede tal-World Health Organization. Biċċa xogħol oħra tiegħu kienet ippreżentata lir-Reġina Eliżabetta II fis-sena 1967.

Fis-sena 1961 il-Papa Ġwanni XXIII, illum qaddis, ħatar lill-Professur Cremona Kavallier tal-Ordni Pontifiċju ta' San Silvestru u ngħata wkoll żewġ midalji tad-deheb minn istituzzjonijiet Maltin. Serva wkoll fil-Kunsill tal-Arti f'Malta. L-opri tiegħu ġew mogħtija post ta' ġieħ f'diversi wirjiet Internazzjonali barra minn Malta.





**Fid-dinja filatelika**

Permezz ta' disinji bi stil għal kollox ġdid li hu għamel għall-bolli ta' Malta, il-Kavallier Cremona offra kontribut sostanzjali biex wassal l-isem ta' Malta bogħod minn xtutna. Matul l-aħħar tletin sena ta' ħajtu huwa ddisinja l-parti l-kbira ta' settijiet ta' bolli li ħarġu fl-okkażjoni tad-Dsatax-il Ċentinarju tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl li ġie mfakkar fl-1960.

**Bniedem sensittiv**

Il-Kavallier Professur Emvin Cremona kien bniedem kbir u sensittiv. Bħall-artisti veri u awtentiċi kellu viżjoni tassew kbira u ħafna xogħol li għamel kien oriġinali u kien juri l-kapaċita` tiegħu. Il-ħajja tiegħu kienet imżewqa f'mumenti ta' glorja iżda kienet ukoll mimlija b'mumenti ta' xewk u għolliq. Ġew fuqu mumenti li fihom kellu jgħaddi mit-tbatija, iżda kellu fiduċja fil-Providenza ta' Alla. Kien bniedem ta' fidi kbira u li kien jgħixha u juriha fi kwalunkwe okkażjoni. Bniedem tassew Nisrani, Kattoliku li ħabb lil Alla u li kellu aspirazzjoni vera li mexxietu 'l quddiem b'kuraġġ kbir.



Kien bniedem ħabib kbir tal-gazzetta 'Leħen is-Sewwa' li ta kontribut kbir biex jgħinha bil-ħidma tiegħu. Kien konvint li kienet twettaq missjoni qaddisa bħala arma tal-verita`. Għal aktar minn erbgħin sena volontarjament għen lil din il-gazzetta bid-disinji li kien jagħmel għal kull avveniment li kien ikollna f'pajjiżna.

Dan l-artist il-Kavallier Emvin Cremona nistgħu ngħidu li kien benefattur kbir ta' pajjiżna. Hu ħaddem l-enerġija sħiħa tiegħu u d-doni li l-Mulej żejnu bihom. Hu ġie msejjaħ għall-premju ta' dejjem fid-29 ta' Jannar 1987. Nispera li qiegħed igawdi l-glorja t'Alla u nitolbu lil Alla li jkompli jagħtina artisti li bħal Cremona jagħmlu ġieħ lil pajjiżna u lill-Knisja Mqaddsa.